

# Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Cagliares
## li għamel fil-Parroċċa tal-Qrendi fis-7 ta' Ġunju, 1621

Horatio Caesar Roger Vella*

Fi żmien antik, ġa mis-seklu sittax, il-Viżti Pastorali li l-Isqfijiet kienu jagħmlu kienu iktar spissi mil-lum. Barra minn hekk, kienu jsiru spezzjonijiet lejn kull ħaġa li kienet tinstab mhux biss fil-Knisja Parrokkjali, imma wkoll f'kull knisja oħra li kienet tinstab kemm fir-raħal u kemm barra mir-raħal fl-inħawi li kien jappartjieni lill-istess raħal. Din il-Viżta kienet ġeneralment titmexxa mill-Isqof stess, għalkemm ġieli jissemma delegat tiegħu. Miegħu kien ikun hemm il-Kanċillier ta' dik il-Viżta Pastorali, li permezz tiegħu nnifsu, jew ta' segretarju tiegħu, kienu jittieħdu noti ta' dak kollu li kien josserva l-Isqof, tal-ammonizzjonijiet li kien jagħmel, u tas-suġġerimenti biex jitjiebu l-affarijiet jew jimtela xi nuqqas. Il-Viżta kienet ġeneralment tieħu bejn ġurnata jew tnejn, imma xogħolha ma kienx jieqaf hemm: il-Kanċillier kien jew jerġa' jiġi jew joqgħod fuq ir-rapport tal-Kappillan li kien jitratta fuq it-twettiq ta' dak kollu li kien ordna l-Isqof. Biex iwettaq dak kollu, il-Kappillan kien jiġi mogħti terminu ta' numru ta' xhur, u kellu impost fuq rasu, jew fuq ras min kien responsabbli, multi ta' flus li, fil-każ ta' din il-Viżta, ma kienx se joħodhom hu, imma kien se jgħaddihom lill-istess parroċċa biex jintużaw biex tinbena mill-ġdid il-Knisja Parrokkjali.



Ħafna mit-tagħrif fuq il-knejjes parrokkjali u l-knejjes l-oħra li jagħmlu magħhom huwa nieqes, proprju għaliex l-istess tagħrif kien miktub bil-Latin, u qatt ma ġie traskritt u lanqas tradott. Minħabba f'hekk, l-istorja tar-raħal tibqa' imbenġla jekk ma mmorrux fuq l-għejjun u naraw x'jgħidu tabilħaqq. Huwa minħabba f'hekk li jien aċċettajt li nikteb dan l-ewwel artiklu bil-kundizzjoni li t-test tal-Latin jidher kif traskritt hawn, u li t-traduzzjoni professjonali li għamilt jien ma tinbidielx. Dettall żgħir mibdul jaf ibiddel l-istorja kollha.

Xi snin ilu ġiet għandi studenta tal-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta, li kienet mill-Qrendi, u talbitni nitraskrivi u nittraduċi għall-Ingliż dawn l-ewwel Viżti Pastorali. Jien, li ma ħadtilhiex flux, żammejt id-dritt fuq dan ix-xogħol, u llum qiegħed nużah għall-kommunità kollha tal-Qrendi, bit-tama li jitferrex it-tagħrif u jintuża għal studju iktar komplessiv fuq dan ir-raħal tal-Qrendi.

F'dan l-ewwel artiklu, huwa xieraq li nitfgħu dawl fuq il-protagonisti ta' din il-Viżta Pastorali, l-ewwel waħda ta' wara li l-Qrendi sar Parroċċa fl-1618, tal-Isqof ta' Malta li, għalkemm ma jissemma la b'ismu u lanqas bit-titlu tiegħu ta' isqof, kien dak li ordna l-istess Viżta Pastorali. Ma jissemmiex ukoll min kien il-Kappillan, u lanqas jingħata tagħrif fuq kemm kienu għaddew snin minn mindu l-Qrendi nqata' miż-Żurrieq flimkien ma' Ħal Lew u Ħal Manin, imsemmijin hawn. Ikun xieraq ukoll li nagħtu tagħrif fuq kull bniedem li jissemma f'din il-Viżta Pastorali, kif ukoll fuq kull art li tissemma, u kull inħawi. Fil-fatt, il-Qrendi, flimkien ma' Ħal Lew u Ħal Manin, inqata' miż-Żurrieq b'digriet tal-Isqof Baldassar Cagliares fil-15 ta' Frar, 1618, u l-ewwel Kappillan kien Dun Salv Burlo', in-neputi tal-Kappillan taż-Żurrieq, Dun Nikola Bonnici, li żamm id-dritt li jinnomina l-ewwel Kappillan tal-Qrendi hu u li jiġbor id-dħul tal-parroċċa hu sakemm idum ħaj.[1] Wara nkunu nistgħu wkoll nagħmlu analiżi tal-Viżta Pastorali, u noħorġu b'xi konklużjonijiet.

Nipproduċu l-ewwel din il-Viżta Pastorali tal-1621, li hija hawn maqsuma f'paragrafi, kull wieħed segwit mit-traduzzjoni tal-istess paragrafu.

*// f.66 // Die septima mensis Junij 1621.*

Fis-seba' jum tax-xahar ta' Ġunju, 1621.

**Il-Knisja Parrokkjali tal-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema**

(1) *Visitatio Par[ochia]lis Ecc[lesi]ae Casalis Crendi sub invocat[io]ne S[anctissimae] Beatae Mariae Virginis Assu[m]ptae*

Viżta tal-Knisja Parrokkjali tar-Raħal tal-Qrendi bit-titlu tal-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa fis-Sema.

*// f.67v. // 1. Deinde visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] in eo[dem] casali Crendi sub invocat[ion]e Assu[m]p[tio]nis Beatae Mariae Virginis. o[mn]ib\us/ caret necessarijs. fuit notu[m] Demetrio Magro et Hyeronimae eius uxori ut infra duos menses eisd[em] de necessarijs provideat[ur] juxta decretu[m] p[rae] cedentis visitationis et quod doceat de satisfact[io] ne infra bidu[um] d[ict]o Demetrio p[raese]nte et aud[ien]te.*

Imbagħad żaru knisja li tinsab fl-istess raħal tal-Qrendi bit-titlu tal-Assunzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija. Għandha nieqes kull ħaġa neċessarja. Ġie mgħarraf Demetriju Magro u Ġlorma, martu, li jaraw li jkunu pprovduti l-istess affarijiet neċessarji fi żmien xahrejn skont id-digriet ta' Viżta preċedenti u li jinfurmaw dwar it-twettiq ta' dak mitlub mid-digriet fi żmien jumejn. (Dan intqal fil-preżenza ta' Demetriju li kien qed jisma').

**Il-Knisja tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija**

2. *Deinde visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] in eod[em] casali sub invocat[io]ne Nativi[ta] tis Beatae Mariae Virginis quae habet altare lapideu[m] aptu[m] celebrat[io]ni cu[m] ante altare entela depicta[m] habet candelabra ceteris caret ecc[lesi]a est decens habet c<o>emeteri[um] ante ver\ius/ occidente[m]. R[ettu]lit D[ominus] Parocus heredes q[uon] dam // f.68 // Jo[ann]is Schembri satisfecisse obligat[io]ni de qua in praecedentib\us/ visitationib\us/ fol[iis] 100 et 177.*

Żaru knisja li tinsab fl-istess raħal bit-titlu tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija, li għandha altar tal-ġebel addattat għaċ-ċelebrazzjoni (tal-quddiesa), b'ventaltar tad-drapp impitter quddiem l-altar. Għandha gandlieri. Hija nieqsa minn kull ħaġa oħra. Il-knisja hija sabieħa. Għandha ċimiterju tabilħaqq iħares lejn il-Punent. Ir-Reverendu Kappillan irraporta li l-eredi tal-mibki Ġwanni Schembri wettqu l-obbligazzjoni li fuqha hemm imniżżel fil-Viżti ta' qabel f'folji 100 u 177.

*I[tem] fuit notu[m] D[omi]nico Schembri p[raese]nti, Isabell<a>e uxori Jacobi Bugeya et Andrian<a>e uxori Antoni Aczoppard ut infra duos menses claudent hostiu[m] cu[m] fenestella in valvis et altare providea<n>t de necessarijs et iconam quia est vetusta iteru[m] depingi faciant.*

Ukoll, ġew mgħarrfa Duminku Schembri, hawn preżenti, Iżabella, mart Ġakbu Bugeja, u Andreana, mart Antonju Azzoppardi, li kellhom jagħlqu l-apertura b'tieqa żgħira biċ-ċappetti fi żmien xahrejn, u li jipprovdu dak li kien neċessarju u li jaraw li titlesta pittura mill-ġdid peress li (dik preżenti) kienet qadima.

**Il-Knisja ta' San Mattew**

3. *Deinde visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] in confinib\us/ d[ict]i Casalis sub invocat[io]ne S[anc]ti Matth<a>ej appell[atis] tal Machiluba quae o[mn]ibus necessarijs caret et fuit reperta pro ut in p[rae]cedenti visitat[io]ne.*

Imbagħad żaru knisja li tinsab fil-konfini msejħa "Tal-Maqluba" tal-imsemmi raħal bit-titlu ta' San



Mattew, li hi nieqsa minn kull ħaġa neċessarja, u nstabet eżatt kif (dehret) fil-Viżta preċedenti.

*Nicolaus Caruana obbligat\us/ non curavit adimplere mandata praecedentis visitationis fol[io] 101. De cui\us/ oblig[atio]ne patet ex p[raedict]a visit[ation]e de anno 1615 fol. 177. p[ro]p[ter]ea ... eius\dem/ exsequendu[m] est decretu[m] p[rae] cedentis visitationis.*

Nikola Caruana, wara li kien ġie obbligat, ma tax każ li jseħħu l-ordnijiet tal-Viżta preċedenti, folju 101. Dwar din l-obbligazzjoni, hemm evidenza fil-Viżta preċedenti tas-sena 1615, folju 177. Barra minn hekk, id-digriet tal-Viżta preċedenti għandu jiġi obdut.

**Il-Knisja ta' San Salvatur**

4. *Deinde visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] in d[icto] cas[ali] Crendi sub invocat[io]ne S[anctissi]mi Salvatoris quae habet o[mn] ia necessaria ut re[ttu]lit R[everen]dus Parochus.*

Imbagħad żaru knisja li tinsab fl-imsemmi raħal tal-Qrendi bit-titlu tal-Wisq Imqaddes Salvatur, li għandha kull ħaġa neċessarja, kif ir-Reverendu Kappillan irraporta.

*Blasius Camilleri q[uondam] Salvi de d[icto] casali Crendi obligavit quanda[m] clausura[m] terr<a>e ipsi\us/ appellata[m] ta Testa in \con/[tra] ta S[anc]ti Nicolai ta Hal Seyech cui\us/ ab or[iente] mer[idionale] et occ[idente] su[n]t vi<a>e pub[li] c<a>e et a sept[entrione] possidet Petrus Vella in celebrat[ion]e uni\us/ miss<a>e in festo S[anctissi] mi Salvatoris // f.68v. // acc[iden]te in celebrat[io]ne primar[um] vesperar[um] et lampadis accencione diebus consuetis ut de huiusmodi oblig[atio]ne patet ex actis m[agnifi]ci not[arii] Jo[ann]is Simonis De Lucia sub die \tricensim/a mensis Julij \secunda/e Ind[ictioni]s 1619.*

Blażju Camilleri, bin il-mibki Salvu, mill-imsemmi raħal tal-Qrendi, obbliga (lilu nnifsu mid-dħul) ta' għalqa tiegħu nnifsu msejħa "Ta' Testa" fl-inħawi ta' San Nikola ta' Ħal Sejjieħ, li fl-Ilvant, Nofsinhar u Punent tagħha hemm toroq pubbliċi, u fit-Tramuntana jokkupa (art) Pietru Vella, f'ċelebrazzjoni ta' quddiesa waħda fil-festa li taħbat tal-Wisq Imqaddes Salvatur, (u) fiċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel Għasar u fil-mixegħla tal-lampa fil-ġranet tas-soltu kif jidher dwar din l-obbligazzjoni fl-Atti tal-Manifiku Nutar Ġwanni Xmun De Lucia tat-30 jum tax-x ahar ta' Lulju tat-tieni Indizzjoni, 1619.

*I[tem] fuit notu[m] d[ict]o Blasio ut hostiu[m] d[ict]<a>e eccl[esiae] sera ferrea claudat cu[m] fenestella in valvis.*

Ukoll ġie mgħarraf l-imsemmi Blażju li kellu jagħlaq l-apertura tal-imsemmija knisja b'firroll tal-ħadid (u) b'tieqa żgħira biċ-ċappetti.

*Eodem.*

Fl-istess jum.



**Il-Knisja ta' San Nikola**

5. *Post prandiu[m] pr<a>ed[icti] D[omini] Visitatores \con/tinuantes d[ict]a[m] Visitatione[m] accesseru[n]t ad visitanda[m] ecc[lesi]a[m] ruralem de pertinentijs d[ict]<a>e Parrochi<a>e sub invocat[io]ne S[anc]ti Nicolai, qua[m] inven[er]u[n]t carere necessarijs o[mn]ibus.*

Wara l-pranzu, il-ġa msemmija Sinjuri Viżitaturi, waqt li komplew l-imsemmija Viżta, waslu biex iżuru knisja rurali li tappartjieni lill-imsemmija parroċċa bit-titlu ta' San Nikola, li sabuha nieqsa minn kull ħaġa neċessarja.

*Et quia non apparet aliqua obligatio p[ro] reparatione d[ict]<a>e ecc[lesi]<a>e D[omini] mandaveru[n]t ut nisi infra menses sex fuerit d[ict]a ecc[esi]a de necessarijs o[mn]ibus provisa profan[ari] eiusq[ue] obligatio adimpleta p[er] Jo[ann]em Haxac ut in pr[ae]cedenti visitaz[io]ne fol. 101 in posteru[m] adimplea\tur/ in Par[ochia] li d[ict]i Casalis Crendi. Not[ificat]is de p[raese]nti decreto R[everend]o Parocho et aliquib\us/ d[ict]ae Parrocchiae quib\us/ cura eius\dem/ ecc[lesi]<a>e in*

*pr<a>ecedentib\us/ visitationib\us/ erat commissa. Et D[ominus] interim mandaverit in ea no[n] celebrari.*

U peress li ma tidhierx xi obbligazzjoni għar-restawr tal-imsemmija knisja, is-Sinjuri ordnaw li jekk fi żmien sitt xhur l-imsemmija knisja ma tkunx provduta bl-affarijiet neċessarji, tiġi pprofanata, u l-obbligazzjoni tagħha mwettqa permezz ta' Ġwanni Axiaq kif (jidher) fil-Viżta preċedenti folju 101, 'il quddiem għandha titwettaq fil-(Knisja) Parrokkjali tal-imsemmi raħal tal-Qrendi, wara li ġew mgħarrfa dwar dan id-digriet ir-Reverendu Kappillan u xi nies tal-imsemmija parroċċa li lilhom il-kura tal-istess knisja kienet mogħtija fil-Viżti preċedenti. U sadanittant is-Sinjur ordna li ma jiġix iċċelebrat (quddies) fiha.

**Il-Knisja ta' Santa Luċija**

6. *Successive visitaveru[n]t alia[m] ecc[esi] a[m] prope suprad[ict]a[m] sub invocat[ion]e S[anc]tae Luciae qua[m] parit[er] inveneru[n] t carere o[mn]ibus necessarijs.*

Wara dan, żaru knisja oħra ħdejn dik imsemmija fuq, bit-titlu ta' Santa Luċija, li wkoll sabuha nieqsa minn kull ħaġa neċessarja.

*Bartholom<a>e\us/ Farrugia q[uondam] D[omi] nici dic[ti] Casali<s> ratione possessionis clausur<a>e in qua est <a>edificata ecc[lesi]a pr<a>ed[ict]a tenet[ur] celebrat[io]ne[m] uni\us/ Miss<a>e pro ut apparet ex pr<a>eced[enti]b\us/ Visitationib\us/ // f.69 // fol. 101 et 177.*

Bartilmew Farrugia, bin il-mibki Duminku, tal-imsemmi raħal, permezz tal-pussess ta' għalqa li fiha hemm mibnija l-ġa msemmija knisja, huwa obbligat (li jara li ssir) ċelebrazzjoni ta' quddiesa waħda kif jidher mill-Viżti preċedenti, folji 101 u 177.

*Et quia neq[ue] apparet de aliqua oblig[atio]ne pro servitijs d[ict]ae ecc[lesi]ae et in pr<a>ecedenti Visitat[io]ne incol<a>e et habitatores d[ict]i Casalis ultro se obtulera[n]t eius providere de necessarijs et adhuc ... indiget fuit pari\ter/ notu[m] quod nisi usq[ue] ad festu[m] S[anc]tae Luciae p[roxim]o venturu[m] non fuerit provisa de necessarijs o[mn] ibus et reducta ad forma[m] magis decente[m] profanabit\ur/ eiusq[ue] oblig[a]tio transferet\ur/ in d[ict]a Par[ochia]li not[ifica]tis pari\ter/ de pr[aese] nti decreto R[everen]do Parocho et alijs de d[ict] o Casali et interim man[davi]t D[ominus] in ea non celebrari.*

U peress li lanqas jidher (xi ħaġa) dwar l-obbligazzjoni għas-servizzi tal-imsemmija knisja anke fil-Viżti preċedenti, l-abitanti u min joqgħod hemm tal-imsemmi raħal kienu minn jeddhom offrew li jipprovdu dwar l-affarijiet neċessarji tagħha (kif għadhom) jagħmlu sal-lum. Ġie mgħarraf xorta li jekk sal-festa li tmiss ta' Santa Luċija ma tkunx provduta b'kull ħaġa neċessarja u miġjuba mill-ġdid għal forma aktar deċenti, tkun ipprofanata, u l-obbligazzjoni tagħha tgħaddi fl-imsemmija (Knisja) Parrokkjali wara li ġew mgħarrfa xorta fuq dan id-digriet r-Reverendu Kappillan u oħrajn mill-imsemmi raħal, u sadanittant is-Sinjur ordna li ma jkunx iċċelebrat (quddies) fiha.

**Il-Knisja ta' San Tumas**

7. *Deinde visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] intus quanda[m] clausura[m] ad p[raese]ns pos<s>essa[m] p[er] Ven[erabi] lem Conventu[m] S[anc]ti Aug[usti] ni Ci[vita]tis Not[abi]lis sub invocat[io] ne S[anc]ti Thom<a>e Ap[osto]li qua[m] inveneru[n]t nimis indecente detineri habet c<o>emeteriu[m] circu[m] circa dirutu[m] in parte int\us/ quod su[n]t multa sepultura fideliu[m] defu[n]ctoru[m] ibidem.*

Imbagħad żaru knisja li tinsab f'ċertu għalqa li fil-preżent hija pposseduta mill-Venerabbli Kunvent ta' Santu Wistin tal-Belt Notabile taħt it-titlu ta' San Tumas Appostlu, li sabuha miżmuma mill-inqas deċentement. Għandha ċimiterju dawra tond, rovinat f'parti. Ġo fih hemm bosta oqbra tal-fidili mejtin.

*Paula q[uon]da[m] Georgij Farrugia est obligata eius eccl[esi]ae ratione possess[io]nis duar[um] clausurar[m] positaru[m] prope d[ict]a[m] ecc[lesi] a[m] appellatar[um] ta peiet. Cui fuit notu[m] ut infra menses quatuor provideat eius de necessarijs o[mn]ibus sub p<o>ena unciae uni\us/ fabric<a>e par[ochia]lis ecc[lesi]ae d[ict]i Casalis applicand[ae] et \eius/ c<o>emeteriu[m] muro decenti fabricet.*

Pawla, armla tal-mibki Ġorġ Farrugia, għandha l-obbligazzjoni ta' dik il-knisja permezz tal-pussess ta' żewġ għelieqi msejħa "Ta' Pejjet" li jinsabu ħdejn l-imsemmija knisja. Ġiet mgħarrfa li fi żmien erba' xhur kellha tipprovdi għal kull ħaġa neċessarja taħt piena ta' uqija waħda li għandha tingħata għall-bini tal-knisja parrokkjali tal-imsemmi raħal, u li kellha tibni ċ-ċimiterju tagħha b'ħajt deċenti.

*Et quia ad d[ict]a[m] ecc[esi]a[m] nulla fuit inve[n]ta // f.69v. // in ea, fuit notu[m] eid[em] Paul<a>e p[raese]nti ... possessione clausurar[um] obligatar[um] ut infra dies quindecim aptet introytu[m] ad ea[n]dem ecc[lesi]a[m] et interim introytu[m] quod fuit apertu[m] ex dicta clausura non audeat claudere nec claudi facere sub poena unciae uni\us/ p. fabric<a>e pr<a>ed[ict]<a>e applicand<a>e.*

U peress li xejn ma nstab fiha li jappartjieni lill-imsemmija knisja, l-istess Pawla, (hawn) preżenti,

ġiet mgħarrfa li, bil-pussess (tagħha) tal-għelieqi ta' obbligazzjoni, kellha fi żmien ħmistax-il jum takkommoda daħla għall-istess knisja, u li sadanittant ma tażżardax tagħlaq id-daħla li kienet miftuħa mill-imsemmija għalqa, u li tara li ma tingħalaqx taħt piena ta' uqija waħda li għandha tingħata għall-bini tal-ġa msemmija (knisja parrokkjali).

*R[ettu]lit D[ominus] Parochus d[ict]a[m] Paula[m] hac[tenu]s adimplevisse oblig[atio]n[em] celebrat[io]nis Miss<a>e sed t[ame]n heredes q[uondam] Marci Haxac non adimplevisse onus quatuor Missar[um]. Ideo fuit notu[m] vocari heredes pr<a>edictos qui su[n]t Marius Matth<a>eolus Clementi\us/ et Rocchus Haxac de cas[ali] Leo filij d[ict]i q[uon]da[m] Marci ut ratione[m] redda[n]t de pr<a>ed[ict]a oblig[atio]ne et docea[n]t de satisfac[tio]ne de oblig[atio]ne d[ict]<a>e Paul<a>e et d[ict]i q[uon]da[m] Marci Haxac <ut> apparet ex pr<a>ced[enti]b\us/ Visi[tationi]b\us/ fol. 122 et 178.*

Ir-Reverendu Kappillan irraporta li l-imsemmija Pawla s'issa wettqet l-obbligazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa; imma l-eredi tal-mibki Marku Axiaq ma wettqux l-obbligu ta' erba' quddisiet. Għalhekk ġie mgħarraf li jissejħu l-ġa msemmija eredi li huma Marju, Matteolu, Klement u Rokku Axiaq, minn Ħal Lew, ulied il-mibki Marku, biex jagħtu kont tal-ġa msemmija obbligazzjoni u jinfurmaw dwar it-twettiq tal-obbligazzjoni tal-imsemmija Pawla u tal-imsemmi mibki Marku Axiaq, kif jidher mill-Viżti preċedenti, folji 122 u 178.

### Il-Knisja tat-Tħabbira tal-Imqaddsa Verġni Marija

8. *Visitaveru[n]t alia[m] ecc[lesi]a[m] posita[m] in Casali Leo sub invocat[ion]e Annu[n]tiat[io]nis Beatae Mariae Virginis qu<a>e fuit reperta decen\ter/ detineri per incolas et habitatores d[ict]i Casalis Leo quae habet campana[m] tecto superposita[m] sustine\ri/ ex ... D[omi]nici Haxac de Insula Senglea ... asserit\ur/ emisso aliq[uos] reddit\us/ bullales no[m]i[n]e d[ict]<a>e ecc[lesi]ae. Ideo vocandus est ut ratione[m] reddat de pr<a>ed[ict]is vocandi pari\ter/ su[n]t heredes q[uon]da[m] Orlandi farmusa et suprad[ict]i heredes q[uon]da[m] Marci Haxac ut ratione[m] redda[n]t de earu[m]\dem/ obligationib\us/ de quib\us/ in // f. 70 // p[rae]cedentib\us/ oblig[ationi]b\us/ fol. 102 et 178.*

Imbagħad żaru knisja oħra li tinsab f'Ħal Lew taħt it-titlu tat-Tħabbira tal-Imqaddsa Verġni Marija li nstabet miżmuma deċentement mill-abitanti u dawk li jgħixu fl-imsemmi Ħal Lew, liema knisja għandha qanpiena mqegħda fuq il-bejt. Jingħad li hi miżmuma mid-(dħul) ta' Duminku Axiaq, minn Senglea, li għandu xi dħul minn proprjetà reġistrata f'isem l-isemmija knisja. Għalhekk, għandu jiġi mgħajjat biex jagħti rendikont tal-affarijiet ġa msemmija. Għandhom ukoll jiġu mgħajta l-eredi tal-mibki Orlandu Formosa u l-eredi msemmijin fuq tal-mibki Marku Axiaq biex jagħtu rendikont tal-obbligazzjoni tal-istess affarijiet, li dwarhom (wieħed jista' jara fl-obbligazzjonijiet preċedenti, folji 102 u 178).

### Knisja tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija (Santa Marija tal-Ħniena)

9. *Deinde visitaveru[n]t alia[m] ecc[lesi]a[m] posita[m] in ea\dem/ Casali Leo de pertinentijs eius\dem/ Parrochi<a>e casalis Crendi sub invocat[ion]e Nativitatis Beatae Mariae Virginis vulgo app[ella]t[am] S[anc]ta Maria tal Hinena. Quae fuit reperta decent\er/ detineri caret ta[n]tum carta gloriae. Fuit notu[m] D[omi]nico bartulo obligato dictae eccl[esi]ae ut patet ex p[rae]cedentib\us/ Visitationib\us/ fol. 178 et 101 ut infra menses octo ei\dem/ eccl[esi]ae provideat de carta gloriae claudat fenestella[m] posita[m] in tribuna et hostiu[m] sera ferrea pari\ter/ claudat cu[m] fenestella in valvis et doceat infra dies octo de satisfact[io]ne su<a>e oblig[atio]nis.*

Imbagħad żaru knisja oħra li tinsab fl-istess Ħal Lew li tappartjieni lill-istess parroċċa tar-raħal tal-Qrendi taħt it-titlu tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija, komunement imsejħa "Santa Marija tal-Ħniena". Liema (knisja) instabet li hija miżmuma deċentement. Jonqosha biss il-Karta tal-Glorja. Ġie mgħarraf Duminku Bartolo, obbligat lejn l-imsemmija knisja kif jidher mill-Viżti preċedenti, folji 178 u 101, biex fi żmien tminn xhur jipprovdi lill-istess knisja l-Karta tal-Glorja, jagħlaq it-tieqa żgħira li hemm fuq it-tribuna, kif ukoll jagħlaq l-apertura b'firrol tal-ħadid b'tieqa żgħira biċ-ċappetti, u li



kellu jagħti informazzjoni fi żmien tmint ijiem dwar it-twettiq tal-obbligazzjoni tiegħu.

*R[ettu]lit D[ominus] Parochus q[uod] Jo[ann]em Caroana legavisse d[ict]<a>e ecc[lesi]ae scuta quatuor solvenda per D[omi]nicam eius uxore[m] qu<a>e ad p[raese]ns reperiu[n]\tur/ depositata in Curia.*

Is-Sinjur Kappillan irraporta li Ġwanni Caruana kien ħalla lill-imsemmija knisja legat ta' erba' skut li kellhom jitħallsu minn Duminka, martu, liema skut kienu jinsabu fil-preżent iddepożitati fil-Kurja.

*Et adhuc no[n] fuere ... quia caret procuratore, p[ro]p[ter]ea fuit in procurend[um] eius\dem/ ecc[lesi]ae elect\us/ et constitut\us/ Antonin\us/ bartolo de eo\dem/ Casali ad effectu[m] inserviendi d[ict]<a>e eccl[esi]ae et erigendi d[ict]a scuta quatuor illaq[ue] convertendi in emptione tot reddit\us/ bullales p[ro] servitio eius\dem/ // f.70v. //*

U s'issa ma (tħallsux) peress li m'hemmx prokuratur. Minħabba f'hekk, Antoninu Bartolo, mill-istess raħal, intgħażel u nħatar biex ikun prokuratur tal-istess knisja biex iservi lill-imsemmija knisja u biex jiġbor l-imsemmija erba' skut u jikkonvertihom f'tant proprjetà reġistrata b'xiri għas-servizz tal-istess (knisja).

**Knisja ta' Santa Katerina (Ħal Manin)**

10. *Deinde visitaveru[n]t alia[m] ecc[lesi]a[m] sub invocat[ion]e S[anc]tae Catherinae qu<a>e habet icona[m] decente[m] candelabra[m] palliu[m] et cruce[m], caret carta gloriae et tobalijs.*

Imbagħad żaru knisja oħra taħt it-titlu ta' Santa Katerina, li għandha pittura sabieħa, gandlier, terħa u salib, imma jonqosha l-Karta tal-Glorja u t-tvalji.

*Et quia non apparet de alia oblig[atio]ne pr<a>eter celebrationis quatuor Missaru[m] qu<a>e solebat celebrari facere d[ictu]s Marcus, fuit notu[m] vocari d[ictu]m Marcu[m] ut doceat de pr<a>ed[ict]a oblig[atio]ne.*

U peress li ma jidher xejn dwar l-obbligazzjoni ħlief għaċ-ċelebrazzjoni ta' erba' quddisiet, li



s-soltu l-imsemmi Marku kien jara li jiġu ċċelebrati, ġie mgħarraf li l-imsemmi Marku jissejjaħ biex jagħti rendikont dwar il-ġa msemmija obbligazzjoni.

**Knisja ta' San Nikola (Ħal Manin)**

11. *Postremo visitaveru[n]t ecc[lesi]a[m] posita[m] in casali Manin de pertinentijs eius\dem/ Parrocchi<a>e sub invocat[io]ne S[anc]ti Nicolai qu<a>e habet icona[m] in tabula depicta[m] et ante altare ceteris o[mn]ibus caret.*

Fl-aħħar nett, huma żaru knisja li tinsab f'Ħal Manin li tappartjieni lill-istess parroċċa taħt it-titlu ta' San Nikola, li għandha ikona mpittra f'inkwadru u quddiem l-altar; jonqosha kull ħaġa oħra.

*Dicta ecc[lesi]a habet introytu[m] a via muro fabricatu[m] fuit notu[m] R[everen]do Don Luc<a>e Camilleri benefitua<rio> eius\dem/ ecc[lesi]ae ut infra menses quatuor ei\dem/ ecc[lesi]ae provideat de necessarijs o[mn]ibus. altare lapideu[m] aptu[m] celebrat[io]ni fabricari faciat provideat parit\er/ de trib\us/ tobalijs ad min\us/ duob\us/ candelabras cruce pulvinarij ad usu[m] Missalis et carta gloriae hostiu[m] sera ferrea claudat cu[m] fenestella in valvis. Introytu[m] muro decenti in circa fabricet cu[m] gradibus lapideis ad impediendu[m] ingressu[m] animaliu[m]. sub p<o>ena unciae uni\us/ fabri<a>e eius\dem/ Parrochi<a>e applicand<a>e.*

L-imsemmija knisja għandha daħla mit-triq, mibnija b'ħajt. Ir-Reverendu Dun Luqa Camilleri, benefiċċjarju u Rettur tal-istess knisja, ġie mgħarraf sabiex fi żmien erba' xhur jipprovdi lill-istess knisja dwar kull ħaġa neċessarja. Għandu jara li jinbena altar tal-ġebel adattat għaċ-ċelebrazzjoni tal-(quddies). Għandu jipprovdi wkoll tliet tvalji, minn tal-inqas żewġ gandlieri, salib, imħadda għall-użu tal-missal u Karta tal-Glorja. Għandu jagħlaq l-apertura b'firrol tal-ħadid, b'tieqa żgħira biċ-ċappetti. Għandu jibni daħla b'ħajt deċenti madwar, b'tarġiet tal-ġebel, biex jevita d-dħul tal-annimali, taħt piena ta' uqija waħda li għandha tingħata għall-bini tal-istess parroċċa.

*R[ettu]lit D[ominus] Parocus d[ictu]m R[everen]du[m] don Luca[m] satisfecisse d[ict]<a>e obliga[tio]ni.*

Is-Sinjur Kappillan irraporta li l-imsemmi Reverendu Dun Luqa ssodisfa l-imsemmija obbligazzjoni.

**Mir-Rapport tal-Isqof Mons. Pietro Dusina**

Peress li qabel dan id-dokument tal-1621 għandna, fost oħrajn, dokument ieħor importanti, dak ir-rapport li kien għamel il-Viżitatur Appostoliku fl-1575, Mons. Pietru Dusina, u li kien ġie ppubblikat

minni f'dak li għandu x'jaqsam maż-Żurrieq fis-sena 2013, tkun ħaġa siewja li nqabblu dak li l-Isqof Cagliares jgħid hawn fl-1621 ma' dak li l-Isqof Dusina kien qal fl-1575, wara kważi ħamsin sena. Għaldaqstant, se nġib kemm it-traskrizzjoni u t-traduzzjoni li kont għamilt ta' Dusina tal-knejjes li kienu ssemmew fil-Qrendi u l-inħawi ta' madwaru b'referenza għan-numri tal-knejjes imsemmija fuq, kif ukoll kummenti fejn jixirqu. Tajjeb li wieħed jgħid mill-ewwel li l-Knisja tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija, li kienet fil-Qrendi u msemmija fl-1621, ma tissemmiex fl-1575.

Min-naħa l-oħra, hemm tliet knejjes imsemmija fl-1575 li ma jissemmewx fl-1621. Dawn huma l-Knisja tat-Tħabbira tal-Imqaddsa Verġni Marija fil-Qrendi, il-Knisja tal-Assunzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija wkoll fil-Qrendi, differenti minn dik prinċipali u li wara saret parrokkjali, u l-Knisja ta' Santa Katerina f'Ħal Lew, differenti min dik ta' Santa Katerina Tat-Torba f'Ħal Manin.

***(1) Assumptio Beatae Mariae***

*Jtem visitavit aliam ecclesiam sub vocabulo Assumptionis Beatae Mariae, constructam in dicto Casali[2] Carenda, et est principalis ecclesia eiusdem casalis, et ampla; habet altare et portas ligneas; caret pavimento, Rectore, introitibus, oneribus et alijs necessarijs; quae aliud onus non habet nisi quod Simon Spiterius, qui possidet terrenum nuncupatum "Censo Tabel Guidi", illius occasione tenetur in die festivitatis celebrari facere vesperas et missam in eadem, etiam dictam ecclesiam reparare quando fuerit opus.*

*Jtem Dominicus Barbara, qui possidet cl<a>us<ur>am nuncupatam "Tamalsuga", illius occasione tenetur in dicta ecclesia in die festivitatis celebrari facere aliam missam.*

*Dominus mandavit per obligatos reparari pavimentum intra mensem sub poena quinque scutorum. **[f.101v.]***

**It-Tlugħ (fis-Sema) tal-Beata Marija (Knisja)**

*Żar* ukoll knisja oħra taħt l-isem tat-Tlugħ (fis-Sema tal-Beata Marija), mibnija fl-imsemmi Raħal Qrendi, u hi l-knisja prinċipali tal-istess raħal, u (hi) kbira; għandha altar u bibien tal-injam; hi nieqsa minn paviment, Rettur, dħul, piżijiet u (affarijiet) oħra neċessarji; liema (knisja) m'għandha ebda piż ieħor għajr li Xmun Spiteri, li *għandu* art imsejħa "Iċ-Ċens ta' bejn il-Gwiedi", huwa miżmum li jara li mid-dħul tagħha jiġu *ċċelebrati* l-Għasar u quddiesa fl-istess (knisja) f'jum il-festa, u li jsewwi l-imsemmija knisja meta jkun hemm bżonn.

Ukoll Duminku Barbara, li għandu għalqa msejħa "Tal-Maqluba", huwa miżmum li jara li mid-dħul tagħha tiġi ċċelebrata quddiesa oħra fl-imsemmija knisja f'jum il-festa.

Is-Sinjur ordna li l-paviment jiġi msewwi mill-obbligati fi *żmien* xahar taħt piena ta' *ħames* skud[3].

**Nota:**

Dawk l-affarijiet neċessarji mhux speċifikati u neqsin li jissemmew fil-Viżta tal-1575 baqgħu jissemmew f'din il-Viżta tal-1621.

***(3) Sancti Matthaei, Carendi***

*Visitavit etiam aliam ecclesiam ruralem sub vocabulo Sancti Matthaei, constructam in loco Talmaluga, pertinentia Casalis Carendi, quae habet altare et portas ligneas; caret Rectore, introitibus, oneribus et ornamentis; hoc onus tantum habet, quod Cilia, uxor quondam Antonij Zamit, quae possidet duo petia terrarum nuncupatarum "Censieti" in contrata Talmaluga, tenetur, illorum[4] occasione, in die festivitatis, in eadem celebrari facere vesperas et missam.*

**(Il-Knisja) ta' San Mattew, Qrendi**

Żar ukoll knisja oħra qalb l-għelieqi taħt l-isem ta' San Mattew, mibnija fil-post Tal-Maqluba, li tagħmel ma' Raħal Qrendi, li għandha altar u bibien tal-injam; hija nieqsa minn Rettur, dħul, piżijiet u tiżjin; għandha dan il-piż biss, li Ċilja, armla tal-mibki Antonju Zammit, li għandha biċċtejn art insejħa "Ċnus" fl-inħawi Tal-Maqluba, hija miżmuma li, mid-dħul tagħhom, tara li jiġu ċċelebrati l-Għasar u quddiesa fl-istess (knisja) f'jum il-festa.

**Nota:**

Din il-knisja rat kambjament għall-agħar mill-1575 sal-1621, peress li issa qegħda tiġi deskritta bħala nieqsa minn kull ħaġa neċessarja.

***(4) Ecclesia Sancti Salvatoris Casalis Carendi sub Parrochiali Ecclesia Surici***

*Eodem die accessit etiam ad Casale Carendi quod habet quinquaginta quattuor[5] domos; distat à Casali[6] Surici ultra miliare, **[f.101]** et à Casali Birmiftù per tria miliaria, et ad ecclesiam sub vocabulo Sancti Salvatoris constructam in Casali Carendi, quae est sub cura Parrochialis Ecclesiae Surici, quae ecclesia habet altare, pavimentum et portas ligneas; caret Rectore, introitibus, oneribus et omnibus alijs necessarijs, et tantum onus habet, <quod> Vincentius Aquilinus, qui possidet duo petia terrae nuncupata "Talcorti", tenetur illorum[7] occasione in die festivitatis celebrari facere vesperas et missam.*

**Krisja ta' San Salvatur ta' Raħal Qrendi taħt il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq**

Fl-istess jum wasal ukoll sa Raħal Qrendi li għandu erbgħa u ħamsin dar; huwa 'l bogħod minn Raħal Żurrieq iktar minn mil, u minn Raħal Birmiftuħ tul tliet mili, u (wasal) sal-knisja taħt l-isem ta' San Salvatur mibnija f'Raħal Qrendi, li hi taħt it-tmexxija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, liema knisja għandha altar, paviment u bibien tal-injam: hija nieqsa minn Rettur, dħul, piżijiet u kull ħaġa oħra neċessarja, u għandha piż wieħed, li Vinċenz Aquilina, li għandu biċċtejn art imsejħa "Tal-Qortin", huwa miżmum li jara li mid-dħul tagħhom jiġu ċċelebrati l-Għasar u quddiesa f'jum il-festa.

**Nota:**

Mill-Viżta tal-1575 sa din tal-1621, wieħed jinnota li l-Għasar u quddiesa baqgħu jsiru fil-festa, u li kull ħaġa nieqsa fl-1575 issa kienet magħmula. Flok Vinċenz Aquilina, issa kien jinsab Blażju Camilleri jieħu ħsiebha, u d-dħul kien ġej minn art oħra, Ta' Testa f'San Nikola ta' Ħas-Sejjieħ, u mhux minn Tal-Qortin.

***(5) Sancti Nicolai, Carendi***

*Visitavit etiam aliam ecclesiam ruralem sub vocabulo Sancti Nicolai, constructam in pertinentia Casalis Carendi, quae habet altare tantum; caret portis ligneis, Rectore, introitibus, ornamentis et oneribus, et tantum hoc onus habet, quod Branda Axac, quae possidet terrenum nuncupatum "Talgauci" in contrada Casalis Leu, illius occasione tenetur celebrari facere, in die festivitatis, missam tantum.*

**(Knisja) ta' San Nikola, Qrendi**

Żar ukoll knisja oħra qalb l-għelieqi taħt l-isem ta' San Nikola, mibnija fl-inħawi ta' Raħal Qrendi, li għandha altar biss; hija nieqsa minn bibien tal-injam, Rettur, dħul, tiżjin u piżijiet, u għandha dan il-piż biss, li Brandanu Axiaq, li għandu art imsejħa "Tal-Gauci" fl-inħawi ta' Ħal Lew, huwa miżmum li, mid-dħul tagħha, jara li tiġi ċċelebrata quddiesa biss f'jum il-festa.

**Nota:**

Bejn l-1575 u l-1621, din il-knisja baqgħet nieqsa minn affarijiet neċessarji, tant li issa ġiet mhedda li tiġi pprofanata jekk ma jsirulhiex it-tiswijiet neċessarji. Jista' ikun hemm konnessjoni bejn Brandanu Axiaq tal-1575 u Ġwanni Axiaq tal-1621.

***(6) Sanctae Luciae, Carendi***

*Visitavit aliam ecclesiam ruralem sub vocabulo Sanctae Luciae, constructam in pertinentia Casalis Carendi, quae penitus caret Rectore, introitibus et oneribus; habet altare et portas ligneas, et Angelus Spiterius, devotionis causa, in die festivitatis, celebrari facit[8] missam tantum.* ***[f.180v.]***

**(Il-Knisja) ta' Santa Luċija, Qrendi**

Żar knisja oħra qalb l-għelieqi taħt l-isem ta' Santa Luċija, mibnija fl-inħawi ta' Raħal Qrendi, li hi nieqsa kollha kemm hi minn Rettur, dħul u piżijiet; għandha altar u bibien tal-injam, u Anġlu Spiteri jara, mid-devozzjoni (tiegħu), li tiġi ċċelebrata quddiesa biss f'jum il-festa.

**Nota:**

Ukoll din il-knisja, wara li mill-1575 baqgħet nieqsa minn kull ħaġa neċessarja, issa, fl-1621, ġiet mhedda li tiġi pprofanata.

***(7) Zurrico <= Luqa>, Sancti Thomae***

*Visitavit etiam aliam ecclesiam ruralem sub vocabulo Sancti Thomae Apostoli, constructam intus cl<a>us<ur>am vulgo dictam "De Sancto Thomaso", pertinentia Casalis Lucae. Habet altare tantum; caret portis ligneis, Rectore, introitibus, oneribus et ornamentis, quae cl<a>us<ur>a possidetur per Leonardum Haius, qui occasione illius tenetur in die festivitatis in eadem celebrari facere[9] missam tantum. Dominus mandavit dictum Leonardum compelli facere portas ligneas intra mensem, et interim praestari obligationem in Ecclesia Parrochiali[10], cui subjicitur praedicta Ecclesia Sancti Thomae.*

**Ħal Luqa, (Knisja) ta' San Tumas**

Żar ukoll knisja oħra qalb l-għelieqi taħt l-isem ta' San Tumas Appostlu, mibnija f'għalqa komunement insejħa "Ta' San Tumas", fl-inħawi ta' Raħal Luqa. Għandha altar biss; hija nieqsa minn bibien tal-injam, Rettur, dħul, piżijiet u tiżjin, liema għalqa qegħda għand Nardu Agius, li huwa miżmum li jara li mid-dħul tagħha tiġi ċċelebrata quddiesa biss fl-istess (knisja) f'jum il-festa. Is-Sinjur ordna l-imsemmi Nardu Agius li jiġi mġiegħel jagħmel bibien tal-injam fi żmien xahar, u li sadanittant l-obbligu jitwettaq fil-Knisja Parrokkjali, li taħtha l-ġa msemmija knisja ta' San Tumas taqa'.

**Nota:**

L-Isqof Dusina, għalkemm jgħid li din il-knisja rurali kienet tagħmel ma' Ħal Luqa, meta ġie żvijjat mill-fatt li f'Ħal Luqa kien hemm knisja oħra ddedikata lil San Tumas, fejn illum jinsab ċimiterju tal-pesta

mdawwar bil-bini u li fuq id-daħla tiegħu hemm statwa ta' San Tumas li rasu tpoġġiet mhux tant snin ilu, xorta poġġiha mal-knejjes l-oħra li jagħmlu maż-Żurrieq. Fil-fatt, f'din il-Viżta tal-1621, hija tagħmel mal-Qrendi, li ħareġ miż-Żurrieq. Hija baqgħet nieqsa mill-affarijiet neċessarji. Wieħed jinnota hawn li ċ-ċimiterju li jissemma fl-1621, ma semmiehx l-Isqof Dusina. Ma jidhirx li hemm konnessjoni bejn Leonardu Agius, imsemmi fl-1575, u Pawla Farrugia jew ulied Marku Axiaq imsemmijin fl-1621.

***(8) Annuntiatio[11] Beatae Mariae Casalis Leù sub Parrochia Surici***

*Eodem die, continuando visitationem, Reverendissimus Dominus Visitator Apostolicus accessit etiam ad Casale Leù, quod facit domos viginti duo, et distat à Casali Surici per miliare parum, plus versus mare et Civitatem Veterem, et ad ecclesiam sub invocatione Annuntiationis[12] **[f.102]** Beatae Mariae, quae est sub cura Parrochialis Ecclesiae Surici, quae habet unicum altare, pavimentum et portas ligneas, et est decens et dealbata; caret Rectore, introitibus, oneribus et omnibus alijs necessarijs, et hoc onus tantum habet, quod Orlandus Farmosa, qui possidet turrim, seu domum in dicto Casali Leu, occasione illius tenetur in die festivitatis celebrari facere vesperas et missam in eadem ecclesia.*

**It-Tħabbira lill-Beata Marija ta' Raħal Lew taħt il-Parroċċa taż-Żurrieq (Knisja)**

Fl-istess jum, waqt li kompla ż-Żjara tiegħu, il-Wisq Reverendu Sinjur Viżitatur Appostoliku wasal ukoll sa Raħal Lew, li għandu tnejn u għoxrin dar, u hu mbiegħed minn Raħal Żurrieq tul mil biss, iktar viċin il-baħar u l-Belt il-Qadima, u (wasal) sal-knisja taħt l-isem tat-Tħabbira lill-Beata Marija, li hija taħt it-tmexxija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, li għandha altar wieħed, paviment u bibien tal-injam, u hi tixraq u mbajda; hija nieqsa minn Rettur, dħul, piżijiet u kull ħaġa oħra neċessarja, u għandha dan il-piż biss, li Orlandu Formosa, li għandu torri, jew dar fl-imsemmi Raħal Lew, huwa miżmum li mid-dħul tiegħu jara li jiġu ċċelebrati l-Għasar u quddiesa fl-istess knisja f'jum il-festa.

**Nota:**

Orlandu Formosa, imsemmi hawn fl-1575, laħaq miet sal-1621 (ara isfel), u issa jissemmew l-eredi tiegħu. It-tifħir tal-Viżitatur lejn din il-knisja fl-1621 jikkonferma dak li ntqal fl-1575, li l-knisja kellha altar, paviment, bibien u kienet imbajda.

***(9) Nativitas Beatae Mariae***

*Jtem visitavit aliam ecclesiam sub vocabulo Nativitatis Beatae Mariae, constructam intus dictum Casale Leu, quae habet unicum altare et pavimentum; caret portis ligneis, Rectore, introitibus, oneribus et omnibus alijs necessarijs, et dicta ecclesia aliud onus non habet nisi quod Joannellus Pisaile, qui possidet domum coniunctam cum dicta ecclesia, illius occasione tenetur in die festivitatis celebrari facere vesperas et missam in eadem, et alere presbyterum[13], seu Cappellanum, celebrantem, ac quattuor[14] pauperes.*

*Dominus mandavit praedictum Joannellum compelli ad faciendum portas ligneas, quibus ecclesia custodiatur, et interim missas celebrari in Ecclesia Parrochiali dicti casalis.*

**It-Twelid tal-Beata Marija (Knisja)**

Żar ukoll knisja oħra taħt l-isem tat-Twelid tal-Beata Marija, mibnija fl-imsemmi Raħal Lew, li għandha altar wieħed u paviment; hija nieqsa minn bibien tal-injam, Rettur, dħul, piżijiet u kull ħaġa oħra neċessarja, u l-imsemmija knisja m'għandha ebda piż ieħor għajr li Ġovanellu Psaila, li għandu dar tmiss mal-imsemmija knisja, huwa miżmum li mid-dħul tagħha jara li jiġu ċċelebrati l-Għasar u quddiesa fl-istess (knisja) f'jum il-festa, u li jitma lill-qassis, jew lill-Kappillan, li jkun qed jiċċelebra, u erba' fqar.

Is-Sinjur ordna li l-ġa msemmi Ġovanellu jiġi mġiegħel jagħmel bibien tal-injam, sabiex il-knisja tkun protetta bihom, u (li jara) li sadanittant jiġu ċċelebrati quddies fil-Knisja Parrokkjali tal-imsemmi raħal.

**Nota:**

Jidher li kien sar titjieb mill-1575 sal-1621 f'din il-knisja peress li qabel ma kienx hemm bibien, u kull ħaġa oħra neċessarja, u issa, fl-1621, din il-knisja ġiet deskritta bħala miżmuma deċentement. Id-dar li kellu Ġovanellu Psaila u li kienet tmiss mal-knisja għadha hemm sal-lum. Kellha tliet bibien, li tnejn minnhom huma llum magħluqin bil-ġebel.

***(10) Carende, Sanctae Catherinae***

*Die nona Februarij, 1575, Reverendissimus Dominus visitavit ecclesiam ruralem sub vocabulo Sanctae Catherinae in contrata Ta Torba pertinentia Casalis Carendae, quae habet altare et portas ligneas, et caret Rectore, introitibus, oneribus et **[f.180]** ornamentis, in qua in die festivitatis celebratur missa, et aliquando infra annum.*

**Qrendi, (Knisja) ta' Santa Katerina**

Fid-disa' ta' Frar, 1575, il-Wisq Reverendu Sinjur *żar* knisja qalb l-għelieqi taħt l-isem ta' Santa Katerina

fl-inħawi Ta' Torba li tagħmel ma' Raħal Qrendi, li għandha altar u bibien tal-injam, u hi nieqsa minn Rettur, dħul, pižijiet u tiżjin, li fiha tiġi *ċċelebrata* quddiesa f'jum il-festa, u xi kultant matul is-sena.

**Nota:**

Jidher li bejn l-1575 u l-1621 żdiedet il-pittura ta' Santa Katerina, u li ma tnaqqas xejn mill-affarijiet imsemmija qabel, ħlief il-Karta tal-Glorja u tvalji.

***(11) Ecclesia[15] Sancti Nicolai Episcopi Casalis Manini sub Parrochiali Ecclesia Surici***

*Eodem die idem Reverendissimus Dominus Visitator Apostolicus accessit ad Casale Manini, quod habet domos septem; distat à Casali[16] Suricani per miliare, et ad ecclesiam sub vocabulo Sancti Nicolai Episcopi, constructam in dicto casali, quae habet altare et portas ligneas; caret ornamentis et alijs necessarijs; cuius ecclesia est Rector Donnus Gregorius Mamus, de jure patronatus laicorum, ut asseritur, cuius introitus sunt sex scuta, et est obligatus in die festivitatis celebrare vesperas et missam in dicta ecclesia, et dare jentaculum interessentibus.*

*Altare caret suppedale[17] ligneo.*

*Dominus mandavit fieri suppedale[18], et ornari altare, pallio coriaceo, tribus tobaleis, duobus candelabris,* saltem ligneis depictis, et imagine Sancti Nicolai intrà duos menses, sub poena decem scutorum.

**Knisja ta' San Nikola Isqof ta' Raħal Manin taħt il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq**

Fl-istess jum l-istess Wisq Reverendu Sinjur Viżitatur Appostoliku wasal sa Raħal Manin, li għandu sebat idjar; huwa bogħod minn Raħal Żurrieq tul mil, u (wasal) sal-knisja taħt l-isem ta' San Nikola Isqof, mibnija fl-imsemmi raħal, li għandha altar u bibien tal-injam; hija nieqsa minn tiżjin u (affarijiet) oħra neċessarji; ta' liema knisja Rettur hu Dun Girgor Mamo, minn Ġuspatronat tal-Lajċi, kif huwa msemmi, li d-dħul tiegħu huwa sitt skud[19], u huwa obbligat li jiċċelebra l-Għasar u quddiesa fl-imsemmija knisja f'jum il-festa, u li jagħti kolazzjon lil dawk preżenti.

L-Altar hu nieqes minn pjattaforma tal-injam.

Is-Sinjur ordna li ssir il-pjattaforma, u li jiżżejjen l-altar b'terħa tal-ġild, tliet tvalji, żewġ kandlieri, imqar tal-injam impinġi, u xbieha ta' San Nikola fi żmien xahrejn, taħt piena ta' għaxar skud[20].

**Nota:**

Meta wieħed iqabbel dan ir-rapport ma' dak tal-1621, fuq, isib li t-tliet tvalji u ż-żewġ kandlieri baqgħu ma sarux sa qabel ma saret din il-Viżta, u lanqas ma ġew sodisfatti dawk l-affarijiet l-oħra neċessarji, iżda li l-pittura ta' San Nikola kienet tlestiet. Il-Viżta tal-1621 tikkonferma l-eżistenza tal-Ġuspatronat, kif ukoll tar-Rettur, li fl-1575 kien Dun Girgor Mamo.

Issa se nagħtu informazzjoni fuq l-Isqof Baldassar Cagliares u l-Kappillan, kif ukoll xi nies imsemmija f'dan ir-rapport.

**Mons. Isqof Baldassar Cagliares**

L-Isqof Baldassar Cagliares kien Malti mwieled fl-1575. Iggradwa Duttur fit-Teoloġija Sagra, u kien qassis fl-Ordni ta' San Ġwann, Uditur (segretarju) tal-Gran Mastru Alof Wignacourt, li nnominah mal-Vatikan biex ikun ikkunsidrat għall-għażla ta' isqof. Inħatar isqof mill-Papa Pawlu V fl-14 ta' Diċembru, 1614, wara li kellu r-rakkomandazzjoni wkoll mir-Re Filippu III f'Madrid. Huwa ordna isqof f'Ruma, u ġie Malta biex jibda x-xogħol tiegħu, li hu għamlu b'mod żelanti. Kien bniedem mill-aktar prudenti u maħbub mill-poplu Malti. Ta għajnuna lill-fqar u bena l-palazz tiegħu fil-Belt Valletta fuq id-disinn ta' Tumas Dingli. Huwa miet wara marda ta' sentejn fid-dar tiegħu fil-kampanja fir-Rabat li huwa kien bena għall-użu tal-isqfijiet, fl-4 ta' Awwissu, 1633, fl-età ta' 58. Huwa xtara xi djar li flokhom seta' jinbena l-monasteru tal-Karmelitani Skalzi, u ħallas minn butu flus biex jinħelsu tliet patrijiet Ġiżwiti mill-infidili. Organizza tliet Sinodi Djoċesani fl-1620, l-1625 u l-1629.[21]

L-Isqof Baldassar Cagliares huwa midfun fil-Katidral tal-Imdina flimkien ma' erba' isqfijiet oħra, li l-fdal tagħhom kien ġabarhom flimkien l-Isqof Alpheran de Bussan, kif tgħid din l-iskrizzjoni li tinsab fl-imsemmi katidral.

NE MEMORIA PERENNITER RECOLENDA / QVINQVE ILLVSTRIVM ANTISTITVM OLIM MELITENSIVM, / DON BERNARDINI CATAGNANO[22], FR[ATRIS] THOMAE BOSIO[23], / F[RATRIS] D[OMINI] DOMINICI CVBELLES, / FR[ATRIS] DO[MINI] BALTHASSARIS CAGLIARES, / FR[ATRIS] D[OMINI] MICHAEL[24] IO[ANN]IS BALAGVER / PEREAT, / OSSA ET CINERES[25] EORVMDEM, / OBLIVIONI TRADITA[26] ET PER AREAM CONSPERSA, / PIETATE MOTVS, / IN VNVM COLLIGI[27] ET IN HANC VRNAM COLLOCARI / MANDAVIT / ILL[VSTRISSI]MVS ET REV[ERENDISSIMVS] D[OMI]NVS FR[ATER] / PAVLVS ALPHERAN DE BVSSAN / IN DECVRSV SVAE S[ANC]TAE VISITATIONIS, ANNO MDCCXXVIII[28].

"Biex it-tifkira ta' ħames isqfijiet illustri ta' Malta tal-passat, Dun Bernardino Catagnano, Fra Tommaso Bosio, Fra Dun Domenico Cubelles, Fra Dun Baldassar Cagliares u Fra Dun Michele Giovanni

Balaguer, ma tinqeriedx, Il-Wisq Illustri u Reverendu Fra Dun Paule Alpheran de Bussan, matul il-Vista Qaddisa (li għamel) fis-sena 1728, imqanqal minn kompassjoni, ordna li l-għadam u l-irmied tagħhom, mgħoddija biex jintesew u mifruxa tul il-post tad-dfin, jinġabru u jitqiegħdu f'din l-urna."

Qabel din l-iskrizzjoni, kienu jeżistu oħrajn fil-kripta li jsemmu lill-Isqof Cagliares, imma llum m'għadhomx magħna. Madankollu, grazzi għal manuskritt li hemm fil-Mużew tal-Katidral, nistgħu ngawdu xorta dawn li ġejjin:

AETERNAE MELITENSIS ANTISTIS MEMORIAE[29] / FRATRIS DON BALTHASSAR CAGLIARES, / LACTARIAE PAVPERVM COLVMNAE,[30] / IN CVIVS AMOREM OMNES OMNIVM ANIMI,[31] / FAVSTISSIM[E] CONSPIRAVERVNT, / QVEM PROBITAS NASCENTEM EXCEPIT, / PRVDENTIA NATVM EXCOLVIT,[32] / SAPIENTIA[33] SVPRA AEQVALES EXTVLIT. / AEMVLA[34] SORORIS PIETAS / L[IBENS] M[ONVMENTVM] P[OSVIT], / CONSECRAVIT.[35] / OBIIT PRID[IE] NON[AS] AVGVSTI, AN[NO] DOM[INO] MDCXXXIII, / EPISCOPATVS XVIII, AETATIS LXVIII.

"Għall-memorja eterna ta' Isqof Malti, Fra Dun Baldassar Cagliares, kolonna tal-ħalib għall-fqar, li għall-imħabba tiegħu s-sentimenti kollha ta' kulħadd iffavorixxu bl-ikbar qbil; liema persuna l-onestà sostnietu hu u jitwieled, il-prudenza rabbietu wara li twieled, l-għerf tellgħu 'l fuq minn sħabu. Il-qima bla tarf ta' oħtu bil-qalb poġġiet (u) ddedikat (dan) il-mafkar. Miet fl-erbgħa ta' Awwissu, fis-sena tal-Mulej 1633, fit-18-il sena tal-episkopat (tiegħu), fl-età ta' 68".

Taħt din l-iskrizzjoni kien hemm oħra li kienet tgħid hekk:

BALTHASAR CAGLIARES / MELITENSIUM PONTIFEX / HUIUS MAXIMI TEMPLI SACRARIUM / AERE SUO CONSTRUI[36] IUSSIT. / OBIIT PRID[IE] NON[AS] AUGUSTI MDCXXXIII.

"Baldassar Cagliares, Isqof tal-Maltin, ordna li tinbena s-sagristija ta' dan il-katidral bi flusu. Miet fl-4 ta' Awwissu, 1633".

L-Isqof Cagliares kellu għat-tgawdija tiegħu ġnien li oħtu, Beatriċe, tatu biex igawdih u jistrieħ fih. Dan il-ġnien kien intlaqat minn għargħar, u rrestawrat mill-ġdid mill-istess Beatriċe, kif tgħid din l-iskrizzjoni:

VIRIDARIVM HOC, ... OLIM ALLVVIONE VASTATVM,[37] / BEATRIX CAGLIARES A FVNDAMENTIS RESTITVIT / ET REVERENDISSIMO DOMINO FRATRI DON BALTHASSARI, / SVAE PATRIAE EPISCOPO, GERMANO FRATRI, / VTENDVM AC FRVENDVM[38] DEDIT / VT IN EO DEFESSAS ANIMI VIRES[39] REFICERET[40] / ET A TVRBVLENTORVM TEMPORVM[41] INIVRIIS RESPIRARET.[42]

"Beatriċe Cagliares irrestawrat mill-pedamenti dan il-ġnien darba minnhom distrutt minn għargħar, u tatu lill-Wisq Reverendu Sinjur Fra Dun Baldassar, Isqof ta' pajjiżha, ħuha mill-istess omm u missier, biex jużah u jgawdih, biex fih jikkura saħħet moħħu għajjiena, u biex jieħu nifs mill-inġurji ta' żminijiet ta' inkwiet".

Dan il-ġnien jinsab f'dar fi triq imsejħa "Villa Cagliares" fiż-Żejtun. L-iskrizzjoni llum m'għadhiex tidher peress li hija mgħottija bil-kisi. L-awtur jidher li qiegħed iqabbel id-distruzzjoni tal-ġnien mad-distruzzjoni tas-saħħa umana, kif qiegħed ukoll iqabbel ir-restawrazzjoni tal-ewwel ma' tat-tieni.

**Rev. Kappillan Dun Ġwanni Marija Camilleri**

Mons. Prof. Dun Vinċenz Borg jikkwota lill-*Archivium Inquisitionis Melitensis* biex jgħid li missier u omm Dun Ġwanni Marija Camilleri kienu Antonju u Iżabella, u jgħid ukoll li hu twieled fil-Qrendi madwar l-1595, imma li l-magħmudija tiegħu ma tinstabx.[43] Imma fil-fatt il-magħdudija tiegħu nsibuha fl-ewwel reġistru tal-magħmudija taż-Żurrieq, u li l-ġenituri tiegħu kienu Indrì u Katerina li kienu mhux mill-Qrendi, kif jgħid Mons. Borg, imma minn Bubaqra, li sal-lum jagħmel maż-Żurrieq. Ġwanni Marija Camilleri ġie mgħammed fit-22 ta' November, 1598, mill-Kappillan Dun Nikola Bonnici. Il-parrinu kien Sarġi Grixti miż-Żurrieq. Ħutu ġew mgħammda fl-istess parroċċa f'dawn id-dati: Madalena (26.1.1595), Ġovanella (4.1.1597), u Lazzru (12.4.1601).[44] Missieru, Indrì, iżżewweġ lil Katerina Azzopardi, bint Ġużeppi, fit-13 ta' Diċembru, 1589, fl-Imdina.[45] Dun Ġwanni Marija Camilleri studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ Dumnikan f'Vittorjoża sal-1618. Ordna saċerdot fit-13 ta' Ġunju, 1620,[46] u ħa l-pussess ta' Kappillan f'Awwissu tal-istess sena wara li miet l-ewwel Kappillan tal-Qrendi, Dun Salv Burlo', f'Lulju ta' dik is-sena. Huwa bena mill-ġdid il-Knisja Parrokkjali wara li seħħet din il-Viżta Pastorali tal-1621, li fiha jissemma diversi drabi l-ħsieb li tinbena mill-ġdid. Fil-fatt, kull multa li l-Isqof Cagliares għeddet li jwaħħal, kien indirizzaha lejn dan il-bini. Din il-knisja nbniet flok dik ta' qabilha li, kif jingħad f'dan l-artiklu, kellha ċimiterju madwarha li fih kien hemm knisja oħra ddedikata lil Sant'Anton Abbati. Il-knisja l-ġdida kellha tieħu post kemm il-knisja parrokkjali kif ukoll l-arja taċ-ċimiterju bil-knisja l-oħra fiha. Dun Ġwanni Marija Camilleri miet ta' 70 sena fil-Qrendi fil-25 ta' Lulju, 1668, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.[47]



Kappella ta' Sant'Anna



Kappella tal-Madonna tal-Grazzja

## Biblijografija

### Manuskritti


Amodio, J. *A.C.M. ms. 81: trascrizione, traduzione, commentario. Dissertazione presentata alla Facoltà di Lettere, Università di Malta per la laurea in Master of Arts in Lettere Classiche, 26 Aprile, 1997 (Supervisor Prof. Horatio Caesar Roger Vella).*

A[rkivju] P[arrokkjali] G[udja], *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] I[mdina], *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] Qormi, *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] Q[rendi], *Libri baptizzatorum, matrimoniorum, defunctorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] S[iġġiewi], *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] V[ittoriosa], *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] Ż[urrieq], *Libri baptizzatorum, matrimoniorum, defunctorum.*

Zammit Falzon, J. 2004. *The epitaphs found at the Cathedral Church, Mdina, Malta: a transcription, translation, study. A dissertation submitted to the Board of Examiners, Department of Classics and Archaeology, Faculty of Arts in the University of Malta, for the Degree of Master of Arts in Classics (Supervisor Prof. Horatio Caesar Roger Vella).*


### Pubblikazzjonijiet


Aquilina, G. u S. Fiorini edi. 2001. *Documentary sources of Maltese history. Part IV. Documents at the Vatican. No. 1. Archivio Segreto Vaticano. Congregazione Vescovi e Regolari. Malta: Visita Apostolicá no. 51. Mgr Petrus Dusina, 1575.* Malta, Malta University Press.

Borg, V. 2008. *Melita Sacra. The Maltese Diocese and the Sicilian environment from the Norman period till 1500 A.D.* Malta, P.E.G. Ltd, 2 volumes.

Borg, V. 2009. *Melita sacra II. The Maltese Diocese during the sixteenth century.* Malta, Butenberg Press Ltd.

Borg, V. 2015. *Melita Sacra. The Maltese Diocese during the seventeenth century.* Malta, Gutenberg Press Ltd.

Catullus, *Carmina*, Tibullus, *Elegiae*, and *Pervigilium Veneris* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1995.

Cicero, *Contra Caecilium, Contra Verrem Pars una, pars secunda* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1989.

Cicero, *De re publica, De legibus* (ed. E.H. Warmington). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press u William Heinemann Ltd, 1970.

Cicero, *Epistulae ad familiares.* Vol. I (ed. G.P. Goold.). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1998.

Cicero, *In Verrem* Vol. II (ed. J. Henderson). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1935.

Cicero, *Pro Milone, In Pisonem, Pro Scauro, Pro Fonteio, Pro Rabirio Postumo, Pro Marcello, Pro Ligario, Pro Rege Deiotaro* (edi J. Henderson u G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 2000.

Cicero, *Pro Publio Quinctio, Pro Sexto Roscio Amerino, Pro Quinto Roscio Comoedo, De lege agraria* (Edi J. Henderson u G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 2000.

Ferres, A. 1866. *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo.* Malta.

Festus, *De verborum significatione.* Amsterdam, Huguetani, 1699.

Fiorini, S. 2005. *Documentary sources of Maltese history. Part I. Notarial documents. No. 3. Notary Paulo Bonello ms. 588: 1467-1517; Notary Giacomo Zabbara ms. 1132: 1471-1500.* Malta, Malta University Press.

Fiorini, S. 2016. *Documentary sources of Maltese history. Part III. Documents of the Maltese Universitas. No. 3. Acta Juratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae, II: 1512-1531.* Malta, Malta University Press.

Florus, *Epitome* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1995.

Livius, *Ab urbe condita* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1999.

Nonius, *De conpendiosa doctrina* (ed. J.H. Onions). Cambridge, Cambridge University Press, 2009.

Quintilianus, *Institutio oratoria* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press, 1996.

Sanctus Augustinus, *De civitate Dei contra paganos* (ed. G.P. Goold). The Loeb Classical Library, Cambridge, Massachusetts, Londra, Harvard University Press u William Heinemann Ltd, 1988.
Vella, H.C.R. 2013. *Il-viżta pastorali ta' Mons. Dusina fil-parroċċa taż-Żurrieq*. Żurrieq, Kunsill Lokali.
Wettinger, G. 2000. *Place-names of the Maltese Islands ca. 1300-1800*. Malta, Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

## Referenzi

[1] A. Ferres (1866), 488.
[2] *Casale* ms.
[3] Jiġifieri, 95 ċenteżmu tal-Ewro.
[4] *illius* ms.
[5] *quatuor* ms.
[6] *Casale* ms.
[7] *illius* ms.
[8] *facere* ms.
[9] *facit* ms.
[10] *parochiali* ms.
[11] *Annunciatio* ms.
[12] *Annunciationis* ms.
[13] *presbiterum* ms.
[14] *quatuor* ms.
[15] *Ecclesiae* ms.
[16] *Casale* ms.
[17] *subpedale* ms.
[18] *subpedale* ms.
[19] Jiġifieri, Ewro u erbatax-il ċenteżmu.
[20] Jiġifieri, Ewro u 90 ċenteżmu.
[21] A. Ferres (1866), 38-39. Skont l-iskrizzjoni li qegħdin inġibu hawn isfel, huwa kellu 68 meta miet, u mhux 58.
[22] *CATAGNANI*, Inscr. Mon.
[23] *BOSII*, Inscr. Mon.
[24] *MICHAELIS*, Inscr. Mon.
[25] Ara Ċiċerun, *Kontra Verre* 2.1.44.113: *cur hunc dolorem **cineri** eius atque **ossibus** inussisti?*
[26] Ara Ċiċerun, *Lill-familjari* 2.1.2: *Et quoniam meam tuorum erga me meritorum **memoriam** nulla umquam delebit **oblivio***; u Santu Wistin, *Dwar il-Belt ta' Alla* 18.31.2: *Porro per evangelium exterminata sculptilia et conflatilia, id est idola deorum falsorum, et **oblivioni** tamquam sepulturae **tradita** iam videmus.*
[27] Ara Tibullu 3.2.17-19: *pars quae sola mei superabit corporis, **ossa** / incinctae nigra candida veste legent, / et primum annoso spargent **collecta** Lyaeo.*
[28] *1728*, Inscr. Mon.
[29] *AETERNAE MELITENSIS ANTISTIS MEMORIAE*: ara Ċiċerun, *Kontra Verre* 4.69: *tui nominis **aeterna memoria** simul cum templo illo consecratur.*
Innota l-ordni tal-kliem ABBA, fejn A hija dattiv u, fl-istess waqt iperbatu (kliem li jmorruflimkien ikunumifruda b'kelma jew kliem oħra), uB hija ġenittiv. Innota wkoll iperbati oħra f'SACRARIAE … COLVMNAE, CVIVS … ANIMI, QVEM … NASCENTEM, u AEMVLA … PIETAS.
[30] Ara Pawlu f'Festu, p.198: ***lactaria columna** in foro holitorio dicta, quod ibi infantes lacte alendos deferebant.*
[31] AMOREM OMNES OMNIVM ANIMI: Alliterazzjoni ta' *m* u *n*, u poliptotu f'OMNES OMNIVM, jiġifieri, żewġ kelmiet konsekutivi mill-istess għerq. Innota wkoll l-assonanza fil-kliem li kollha jibdew bil-vokali.
[32] PROBITAS NASCENTEM EXCEPIT, / PRVDENTIA NATVM EXCOLVIT: Paralleliżmu tal-Frażi, fejn għandna sensiela ta' kliem li jsegwu lil xulxin bl-istess ordni (ABĊ / ABĊ), fejn A hija s-suġġett, B l-oġġett u Ċ il-verb fl-istess persuna, numru, temp, vuċi u mod, liema verbi kollha jibdew bil-prefiss EX. Fl-istess waqt, l-oġġett huwa partiċipju mill-istess verb (*nascor*), darba fil-preżent (NASCENTEM), u darba fil-passat (NATVM).
[33] Ara framment minn Ċiċerun f'Nonju 41.31: *id enim est sapientis providere: ex quo **sapientia** est appellata **prudentia**.*
[34] AEQVALES EXTVLIT. / AEMVLA: Assonanza.
[35] Ara Ċiċerun, *Dwar il-liġijiet* 2.2.5: *pro qua mori et cui nos totos dedere et in qua nostra omnia **ponere** et quasi **consecrare** debemus.*
[36] Ara Ċiċerun, *Dwar il-liġi agrarja* 1.5.14: *videtis iam, patres conscripti, omnibus rebus et modis **constructam** et coacervatam **pecuniam** decemviralem.*
[37] Innota l-iperbati f'VIRIDARIVM … VASTATVM, BALTHASSARI … EPISCOPO, DEFESSAS … VIRES u A … INIVRIIS. Innota wkoll l-alliterazzjoni fil-V.
[38] Ara Floru 1.22.21: *Cum victoria posset **uti, frui** maluit, relictaque Roma Campaniam Tarentumque perrexit.*
[39] Ara Livju 9.16.12: *Et fuit vir haud dubie dignus omni bellica laude, non **animi** solum vigore, sed etiam corporis **viribus** excellens.*
[40] Ara Kwintiljanu, *Istituzzjoni oratorja* 1.12.4: *cum praesertim **reficiat animos** ac reparet varietas ipsa.*
[41] Ara Ċiċerun, *Kontra Piżun* 15.33: *nam si illud meum **turbulentissimum tempus** tuo tranquillissimo praestat, quid conferam reliqua, quae in te dedecoris plena fuerunt, in me dignitatis?*
[42] L-aħħar żewġ linji huma simili għal xulxin: it-tnejn għandhom iperbatu li f'kull wieħed hemm il-ġenittiv (ANIMI / TVRBVLENTORVM TEMPORVM), u t-tnejn jispiċċaw b'verbi li huma fit-tielet persuna singulari, imperfett, attiv, soġġuntiv, verbi li t-tnejn jibdew bil-prefiss RE (REFICERET / RESPIRARET).
[43] V. Borg (2015), 230.
[44] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismorum.*
[45] A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[46] V. Borg (2015), 230.
[47] A. Ferres (1866), 488 u 491.